**Kunsill Lokali Qrendi**
7, Triq il-Knisja, Qrendi
Tel: 21680404
Fax: 21689986
e-mail: qrendi.lc@gov.mt

It-Tlieta 12 ta' Diċembru 2017

# IS-SEBA' LEĠISLATURA

**AĠENDA Numru 67**

## Laqgħa tal-Kunsill Lokali tal-Qrendi

Lill-Membri kollha tal-Kunsill Lokali

Qiegħed tiġi mitlub/a biex tattendi għal-laqgħa tal-Kunsill Lokali numru 67 li ser tinżamm fl-Uffiċċju Amministrattiv tal-Kunsill Lokali nhar it-Tnejn 18 ta' Diċembru 2017 fil-5:30pm.

Din il-laqgħa ser tixxandar *live* fuq l-*internet* u hi miftuħa għall-pubbliku.

**IFFIRMATA**

**Chris Falzon**
Segretarju Eżekuttiv

---

**AĠENDA**

67.1 Qari tal-ittri ta' apoloġiji;
67.2 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-Minuti;
67.3 Komunikazzjoni mis-Sindku;
67.4 Tweġibiet għall-Mistoqsijiet tal-Kunsillieri;
67.5 Rapporti;
67.6 Il-Proċess t'Akkwist mis-Sena 2018;
67.7 Aġġornament dwar l-aġġudikazzjoni tas-Sejħa għall-Offerti QLC – CCV 49/17 dwar il-bini taċ-Ċentru Ċiviku tal-Kunsill Lokali tal-Qrendi;
67.8 Aġġornament dwar l-aġġudikazzjoni tas-Sejħa għall-Offerti QLC – ACC 49/17 dwar is-servizz t'*accountant* għall-Kunsill Lokali tal-Qrendi;
67.9 Aġġornament dwar il-bini ta' kmajra għall-ATM fil-Qrendi;
67.10 Kumitat għall-Aġġudikazzjoni ta' Ġieħ il-Qrendi 2018;
67.11 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-iskeda ta' pagamenti;
67.12 Tmiem tal-laqgħa u data tas-seduta li jmiss.

**Kunsill Lokali Qrendi**
7, Triq il-Knisja, Qrendi
Tel: 21680404
Fax: 21689986
e-mail: qrendi.lc@gov.mt

**Minuti tas-67 Laqgħa tas-seba' leġiżlatura tal-Kunsill Lokali tal-Qrendi li saret nhar it-Tnejn 18 ta' Diċembru 2017 fil-5:30pm fl-Uffiċċju tal-Kunsill, 7, Triq il-Knisja, Qrendi u spiċċat fis-7:15pm.**

**Preżenti:**

| | |
|---|---|
| Sindku | David Schembri |
| Viċi Sindku | Charles Zerafa |
| Kunsillier | Daniel Farrugia |
| Kunsillier | Daniela Farrugia |
| Kunsillier | Olympia Sant Mifsud |
| Ambaxxatriċi | Yanika Ciappara |

**Uffiċjal:**

| | |
|---|---|
| Segretarju Eżekuttiv | Chris Falzon |

Is-Sindku David Schembri ippreseda.

**Kunsill Lokali Qrendi**
7, Triq il-Knisja, Qrendi
Tel: 21680404
Fax: 21689986
e-mail: qrendi.lc@gov.mt

67.1 **QARI TAL-ITTRI TA' APOLOĠIJA**

67.1.1 Ma' kien hemm l-ebda ittri x'jiġu moqrija.

67.2 **KUNSIDERAZZJONI U APPROVAZZJONI TAL-MINUTI**

67.2.1 Il-Minuti tas-66 Laqgħa tal-Kunsill Lokali tal-Qrendi kienu proponuti mill-Kunsilliera Daniela Farrugia.

67.2.2 Il-Kunsilliera Olympia Sant Mifsud issekondat il-Minuti.

67.2.3 Il-Kunsill Lokali qabel unanimament mal-approvazzjoni ta' dawn il-Minuti.

*Is-Sindku David Schembri għadda mozzjoni sabiex il-Minuti 67.3, 67.4 u 67.5 jiġu diskussi wara Minuta 67.10 f'din l-istess laqgħa, liema mozzjoni kienet sekondata mill-Viċi Sindku Charles Zerafa u maqbula unanimament mill-membri tal-Kunsill Lokali tal-Qrendi.*

67.6 **IL-PROĊESS T'AKKWIST MIS-SENA 2018**

67.6.1 Is-Sindku David Schembri qal li s-sena 2018 se ġġib xi bidliet fil-proċess t'akkwist fil-Kunsilli Lokali u għaldaqstant stieden lis-Segretarju Eżekuttiv Chris Falzon sabiex jispjega dan.

67.6.2 Is-Segretarju Eżekuttiv qal li mis-sena 2018, il-proċess t'akkwist tal-Kunsilli Lokali se jiġi bħalma huwa tad-Dipartimenti l-oħra tal-Gvern, u għalhekk se jkun hemm bidliet fejn jidħlu d-*direct orders*, kwotazzjonijiet u anke tenders.

**Kunsill Lokali Qrendi**
7, Triq il-Knisja, Qrendi
Tel: 21680404
Fax: 21689986
e-mail: qrendi.lc@gov.mt

67.6.3 Spjega kif minn Jannar 2018 'il quddiem, *direct order* mhux se tibqa' tista' tingħata sal-ammont ta' €1,165, imma dak l-ammont se jitla' għal €5,000 f'sena kalendarja. Dawn id-*direct orders* iridu jkunu bil-miktub u trid tinħareġ *purchase order* għal dawn ix-xogħolijiet.

67.6.4 Żied li minn Jannar 2018 'il quddiem, il-kwotazzjonijiet se jibdew jintlabu sal-ammont ta' €10,000 u mhux sa €4,660 kif inhuma bħalissa. Qal li dawn it-tip ta' kwotazzjonijiet iridu xorta waħda jinħarġu bis-sistema ePPS, imma l-perjodu huwa biss ta' ħmistax-il ġurnata sabiex jiġu aċċettati l-kwotazzjonijiet.

67.6.5 Fisser ukoll li minn Jannar 2018, sejħa għall-offerti bħala tender se tibda toħroġ għal dawk ix-xogħolijiet li f'sena jaqbżu l-€10,000 u s-sejħa ddum għal xahar fis-sistema ePPS.

67.6.6 Fl-aħħar nett tkellem ukoll dwar il-*Petty Cash* tal-Kunsill Lokali u qal li s'issa l-Kunsill Lokali seta' joħroġ €23.29 kuljum, imma minn Jannar 2018 se jkun jista' joħroġ €50 kuljum.

## 67.7 AĠĠORNAMENT DWAR L-AĠĠUDIKAZZJONI TAS-SEJĦA GĦALL-OFFERTI QLC – CCV 49/17 DWAR IL-BINI TAĊ-ĊENTRU ĊIVIKU TAL-KUNSILL LOKALI TAL-QRENDI

67.7.1 Is-Sindku David Schembri qal li fil-preżent għadna qegħdin nistennew mingħand il-Perit Henry Attard sabiex inkunu nistgħu naġġudikaw dan it-tender.

67.7.2 Qal li minbarra l-aġġudikazzjoni tat-tender, jidher li fl-aħħar jiem inqalgħet problema teknika dwar dan il-bini minħabba li l-Awtorità għall-Ippjanar qegħdin jitolbu l-livelli tat-toroq li se jdawru dan iċ-Ċentru Ċiviku ġdid.

67.7.3 Spjega kif bħala Kunsill Lokali se jsir dak kollu possibbli sabiex sal-laqgħa li ġejja jkollna xi ħaġa konkreta f'idejna u nkunu nistgħu

**Kunsill Lokali Qrendi**
7, Triq il-Knisja, Qrendi
Tel: 21680404
Fax: 21689986
e-mail: qrendi.lc@gov.mt

naġġudikaw dan it-tender.

## 67.8 <u>AĠĠORNAMENT DWAR L-AĠĠUDIKAZZJONI TAS-SEJĦA GĦALL-OFFERTI QLC – ACC 49/17 DWAR IS-SERVIZZ T'*ACCOUNTANT* GĦALL-KUNSILL LOKALI TAL-QRENDI</u>

67.8.1 Is-Sindku David Schembri qal li l-bord tal-aġġudikazzjoni kellu quddiemu din l-offerta u ħalla l-kelma f'idejna l-Kunsillier Daniel Farrugia li kien iċ-*Chairperson* ta' dan il-bord.

67.8.2 Il-Kunsillier Daniel Farrugia spjega li l-Bord tal-Aġġudikazzjoni kellu quddiemu tlett offerti x'jaġġudika, li għall-fini ta' dawn il-Minuti se jitniżżlu bħala Offerta A, Offerta B u Offerta Ċ.

67.8.3 Qal li offerti kienu kif ġej:

- Offerta A - €7,200
- Offerta B - €5,700
- Offerta Ċ - €2,700

67.8.4 Fisser kif dawn l-offerti kienu evalwati mis-sistema tal-ePPS mis-Sindku David Schembri, il-Viċi Sindku Charles Zerafa u l-Kunsilliera Daniela Farrugia.

67.8.5 Spejga kif it-tlett offerenti laħqu l-kriterji meħtieġa u provdew dak kollu mitlub kemm fil-fażi tat-tfigħ tal-offerta, kif ukoll meta ntalbet aktar informazzjoni fil-fażi tal-aġġudikazzjoni.

67.8.6 Żied li minħabba li din is-sejħa kienet tgħid li t-tender jingħata lil min ikun l-irħas u konformi ma' kull talba tal-Kunsill Lokali, għaldaqstant il-Bord tal-Aġġudikazzjoni jipproponi li Offerta Ċ għandha tintgħażel għal dan it-tender.

67.8.7 Il-Kunsill Lokali qabel unanimament mal-proposta tal-Bord t'Aġġudikazzjoni u din l-informazzjoni se tiġi komunikata mal-offerenti fil-jiem li ġejjin.

**Kunsill Lokali Qrendi**
7, Triq il-Knisja, Qrendi
Tel: 21680404
Fax: 21689986
e-mail: qrendi.lc@gov.mt

## 67.9 AĠĠORNAMENT DWAR IL-BINI TA' KMAJRA GĦALL-ATIM FIL-QRENDI

67.9.1 Is-Sindku David Schembri qal li l-*compliance certificate* ħareġ u daħħalna wkoll l-applikazzjoni tad-dawl għand ARMS Ltd.

67.9.2 Żied li fil-preżent qegħdin nistennew il-konferma mingħand ARMS Ltd dwar l-applikazzjoni tagħna u wara jkun hemm bżonn jitwaħħal l-arblu tad-dawl kif ukoll is-sistema tal-internet, imbagħad tiġi installata l-ATM.

67.9.3 Fl-aħħar nett saħaq li hu qiegħed jittama li jkollna kollox lest sal-aħħar ta' Jannar tas-sena d-dieħla sabiex ir-residenti Qrendin ikunu moqdija aħjar, u għax issa ilna madwar 4 xhur inkarkru biex titlesta' u tibda tiffunzjona din l-ATM.

## 67.10 KUMITAT GĦALL-AĠĠUDIKAZZJONI TA' ĠIEĦ IL-QRENDI 2018

67.10.1 Is-Sindku David Schembri qal li kif kien mitkellem fl-aħħar laqgħa tal-Kunsill Lokali, illum kull Kunsillier kellu jġib isem jew tnejn ta' persuni li jistgħu jkunu parti mill-kumitat t'aġġudikazzjoni ta' Ġieħ il-Qrendi 2018.

67.10.2 Qal li min-naħa tiegħu hu avviċina lis-Sur Joe Grixti li dan aċċetta li jkun parti minn dan il-kumitat, u issa hemm bżonn l-approvazzjoni tal-Kunsill Lokali.

67.10.3 Il-Viċi Sindku Charles Zerafa qal li hu avviċina xi nies imma jew ma kellux risposta inkella kien hemm min m'aċċettax li jkun parti minn dan il-kumitat.

67.10.4 Il-Kunsillieri Daniel Farrugia, Daniela Farrugia u Olympia Sant Mifsud

**Kunsill Lokali Qrendi**
7, Triq il-Knisja, Qrendi
Tel: 21680404
Fax: 21689986
e-mail: qrendi.lc@gov.mt

qalu l-istess bħalma qal il-Viċi Sindku qabel.

67.10.5 Is-Sindku qal li hemm bżonn li dan il-kumitat ikun maħtur sal-Milied jew inkella sa ftit jiem wara minħabba li l-Ġimgħa 5 ta' Jannar 2018 se jagħlqu l-applikazzjonijiet għal Ġieħ il-Qrendi u sa dakinhar il-kumitat irid ikun imlaħħaq.

67.10.6 Żied li kull Kunsillier għandu jibgħat e-mail jew b'xi mod jikkomunika mal-Kunsill Lokali jekk kemm-il darba jsib lil xi persuna li taċċetta li tkun f'dan il-kumitat.

67.10.7 Għal darb'oħra huwa ppropona lis-Sur Joe Grixti u l-Kunsill Lokali qabel unanimament ma' din il-proposta.

## 67.3 <u>KOMUNIKAZZJONI MIS-SINDKU</u>

67.3.1 Is-Sindku David Schembri tkellem dwar l-EDEN Award u qal li bħala Kunsill Lokali ikkompetejna ma' tnejn u għoxrin Kunsill Lokali ieħor, irnexxielna nagħmluha mal-aħħar ħamsa li kienu *shortlisted*, imbagħad konna infurmati li l-applikazzjoni tagħna kienet il-waħda rebbieħa.

67.3.1.1 Qal li minħabba li rbaħna dan l-unur, raħalna se jissemma f'pubblikazzjoni Ewropea li fiha se jkun hemm deskritt għal-liema raġunijiet irbaħna dan l-unur prestiġġjuż.

67.3.1.2 Żied li fl-applikazzjoni li kienet sottomessa min-naħa tal-Kunsill Lokali, għalkemm kienet tiċċentra dwar il-Kappella ta' San Mattew tal-Maqluba, fiha ssemma' dak kollu li hawn fil-konfini tal-Qrendi u għaldaqstant kellna pakkett b'saħħtu ħafna.

67.3.1.3 Spjega kif fix-xhur li ġejjin se tkun qiegħda ssir ċerimonja fi Brussell, il-Belġju, fejn għaliha probabbli jkun mistieden bħala s-Sindku tal-lokal sabiex jirċievi dan l-unur, u l-ħsieb tiegħu hu li jmur hemmhekk, jagħmel kuntatti ġodda u jagħmel dak kollu possibbli sabiex aktar nies ikunu jafu fejn hu l-Qrendi.

**Kunsill Lokali Qrendi**
7, Triq il-Knisja, Qrendi
Tel: 21680404
Fax: 21689986
e-mail: qrendi.lc@gov.mt

67.3.1.4 Żied li minħabba li rbaħna dan l-unur, il-Qrendi kien imsemmi f'diversi mezzi tal-midja, u għandna nistennew li se jkollna aktar promozzjoni fil-ġimgħat u x-xhur li ġejjin.

67.3.2 Is-Sindku tkellem dwar parti minn Triq iċ-Ċimiterju, iż-Żurrieq, u qal li sar ftehim mal-Kunsill Lokali taż-Żurrieq sabiex dan ix-xogħol propost isir mill-Kunsill Lokali tal-Qrendi.

67.3.2.1 Qal li ltqajna mal-Perit u l-kuntrattur tal-Kunsill Lokali tal-Qrendi fejn f'din il-laqgħa ġie diskuss kif se nipproċedu u li se ndaħħlu l-applikazzjoni għand Transport Malta sabiex jinbdew ix-xogħolijiet.

67.3.2.2 Spjega kif b'kollox il-Gvern Ċentrali se jkun qiegħed joħroġ €40,000 sabiex issir din it-triq, imma l-Kunsill Lokali se joħroġ €3,000 sabiex jiġu rranġati l-bankini wkoll.

67.3.2.3 Żied li l-ħsieb hu li jinqalgħu s-siġar tal-oleander u minflokhom jitħawlu siġar oħra li jkunu aktar adattati u li jsebbħu l-post.

67.3.2.4 Qal ukoll li l-katusi tal-ilma tax-xita kollha preżenti ser jiġu rranġati u s-servizz tal-ilma ser jinbidel ukoll.

67.3.2.5 Barra minn hekk qal li konna avviċinati minn bidwi partikolari li jixtieq li jgħaddi pajp tal-ilma mill-ġibjun tal-ilma tiegħu li jinsab faċċata ta' Triq iċ-Ċimiterju, u dan jista' jiswina tajjeb minħabba li qegħdin nipproponu li dan il-pajp jgħaddi mill-*junction* fejn Triq iż-Żurrieq tingħaqad ma' Triq il-Qrendi, u allura din il-*junction* tiġi rranġatha wkoll.

67.3.2.6 Is-Sindku kompla jispjega li t-triq mhux se tinqala' u dan minħabba li l-art tinsab f'kundizzjoni passabbli u allura t-tarmak jista' jingħata fuqha dirett.

67.3.2.7 Fl-aħħar nett qal li b'kollox se jingħataw 50mm ta' tarmak u se tiġi rranġata l-bankina.

67.3.3 Is-Sindku tkellem dwar laqgħa li kellna mal-Awtorità Maltija għat-Turiżmu u qal li kellna sitwazzjoni dwar il-pagamenti tal-kirjiet tal-

**Kunsill Lokali Qrendi**
7, Triq il-Knisja, Qrendi
Tel: 21680404
Fax: 21689986
e-mail: qrendi.lc@gov.mt

mobile toilets li issa jidher li ġiet riżolta.

67.3.3.1 Qal li s'issa diġa' ħallasna wieħed miż-żewġ pagamenti li kellu jħallas il-Kunsill Lokali, u wara l-laqgħa li saret mal-MTA, se nkunu qegħdin ngħaddu pagament ieħor fil-jiem li ġejjin.

67.3.3.2 Fisser kif f'Jannar tas-sena d-dieħla se nkunu qegħdin ngħaddu pagament aħna, li l-flus tiegħu se nirċevuhom mingħand l-MTA.

67.3.4 Is-Sindku tkellem dwar diskussjonijiet li l-Kunsill Lokali tal-Qrendi kellu mal-Awtorità Maltija għat-Turiżmu dwar Misraħ is-Santwarju tal-Madonna tal-Ħniena, jidher li fil-jiem li ġejjin rappreżentanti mill-MTA se jżuru din iż-żona biex flimkien naraw x'nistgħu nagħmlu għat-tisbiħ tagħha.

67.3.4.1 Qal li bħalissa hemm katusa fuq il-bejt tas-Santwarju li nieżla għal isfel, li jidher li hija miżduda u allura qiegħed jispiċċa jidħol ħafna ilma ġewwa meta tagħmel ix-xita. Spjega li d-Direttorat tar-Restawr se jibagħtu persuna min-naħa tagħhom sabiex ikun jista' jara eżattament x'inhi l-problema u l-Kunsill Lokali se jkun qiegħed jipprovdi l-lifter sabiex din il-persuna tkun tista' titla' fuq is-saqaf tas-Santwarju.

67.3.5 Is-Sindku tkellem dwar proposta mill-Awtorità Maltija għat-Turiżmu, li nhar ta' Ħadd, il-pjazez prinċipali tal-Qrendi jibdew jingħalqu parzjalment jew totlament għat-traffiku, u fihom ikun hemm imwejjed u siġġijiet u forsi anke xi stalls b'ikel tematiku, sabiex noħolqu aktar turiżmu, kemm lokali u anke nazzjonali.

67.3.5.1 Is-Sindku ħeġġeġ lill-Kunsillieri sabiex jiċċekkjaw ftit jekk hemmx interess mill-Għaqdiet prinċipali u r-residenti, ħalli naraw jekk inkomplux naħdmu fuq din l-idea jew le.

67.3.6 Is-Sindku tkellem dwar diskussjoni mal-Awtorità Maltija għat-Turiżmu, dwar parti minn Triq Rokku Buhagiar li hemm bżonn li tiġi rranġatha.

67.3.6.1 Qal li dwar dan se nkomplu niddiskutu mal-MTA u meta jkollna xi ħaġa konkreta f'idejna nkunu nistgħu nitkellmu.

**Kunsill Lokali Qrendi**
7, Triq il-Knisja, Qrendi
Tel: 21680404
Fax: 21689986
e-mail: qrendi.lc@gov.mt

67.3.7 Is-Sindku tkellem dwar diskussjoni mal-Awtorità Maltija għat-Turiżmu dwar is-*soft areas* li għandna fi Triq il-Panorama, waħda fuq 'Il-Ħnejja' u l-oħra eżatt taħt Ħaġar Qim.

67.3.7.1 Qal li d-diskussjoni kienet dwar it-tisbiħ ta' dawn iż-żewġ żoni turistiċi u li nistgħu napplikaw sabiex nibbenefikaw minn fondi tal-GAL Xlokk, kif ukoll nistgħu nippruvaw inġibu fondi mingħand l-MTA stess.

67.3.8 Is-Sindku tkellem dwar il-latrini pubbliċi tal-pjazza tal-Qrendi u qal li wasal iż-żmien li l-Kunsill Lokali jikkunsidra li dawn jiġu rranġati.

67.3.8.1 Qal li huwa tal-opinjoni li fl-ewwel kwart tas-sena 2018, għandu jinbeda x-xogħol fuq dawn il-latrini, fejn s'issa diġa' ġbarna xi kwotazzjonijiet tax-xogħol li hemm bżonn isir.

67.3.8.2 Żied li issa dawn il-latrini pubbliċi m'għadhomx biżżejjed sabiex jaqdu l-bżonnijiet tal-lum il-ġurnata, kif ukoll hemm ċertu affarijiet li jridu jinbidlu anke minħabba l-iġjene.

67.3.8.3 Il-Kunsill Lokali qabel unanimament li għandna nibqgħu nevalwaw kif l-aħjar li nmexxu dwar dan il-proġett.

67.3.9 Is-Sindku tkellem dwar il-parkeġġ ta' Wied iż-Żurrieq u qal li fil-preżent qegħdin isiru *core drill tests* fiż-żona sabiex jiġi stabbilit jekk jistax isir parkeġġ b'diversi sulari f'Wied iż-Żurrieq.

67.3.10 Is-Sindku tkellem dwar l-allokazzjoni finanzjarja li l-Kunsill Lokali tal-Qrendi se jkun qiegħed jirċievi matul is-sena 2018. Huwa qal li se jħalli f'idejn is-Segretarju Eżekuttiv Chris Falzon sabiex jispjega d-dettalji.

67.3.10.1 Is-Segretarju Eżekuttiv qal li matul is-sena 2018, il-Kunsill Lokali tal-Qrendi se jkun qiegħed jirċievi allokazzjoni ta' €360,643, li tfisser żieda ta' €14,821 fuq is-sena 2017 meta l-Kunsill Lokali rċieva €345,823.

67.3.10.2 Qal li dan ifisser li l-allokazzjoni tal-Kunsill Lokali tal-Qrendi se tkun qiegħda tiżdied b'4.29% fuq l-allokazzjoni tal-2017, u fejn id-

**Kunsill Lokali Qrendi**
7, Triq il-Knisja, Qrendi
Tel: 21680404
Fax: 21689986
e-mail: qrendi.lc@gov.mt

Dipartiment għall-Gvern Lokali se jkun qiegħed jerġa' jalloka s-somma ta' €10,000 għal Wied iż-Żurrieq bħala post turistiku.

67.3.10.3 Qal li b'hekk dan ifisser li l-allokazzjoni sħiħa tal-Kunsill Lokali għas-sena 2018 se tkun €370,643 u matul is-sena l-Kunsill Lokali jista' jibbenefika wkoll minn skemi li joħroġ minn żmien għal żmien id-Dipartiment għall-Gvern Lokali.

67.3.11 Is-Sindku tkellem dwar il-*bye law* li l-Kunsill Lokali għandu tal-Attivitajiet fil-Beraħ.

67.3.11.1 Qal li kien hemm bżonn jiġu rranġati xi affarijiet kożmetiċi f'din il-*bye law* u d-Dipartiment għall-Gvern Lokali jrid l-approvazzjoni tal-Kunsill Lokali sabiex ikun jista' jipproċedi b'din il-*bye law* u tiġi ppublikata fil-Gazzetta tal-Gvern.

67.3.11.2 Is-Sindku ppropona li għandna napprovaw it-tibdiliet żgħar li saru, filwaqt li l-Kunsillier Daniel Farrugia ssekonda.

67.3.11.3 Il-Kunsill Lokali qabel unanimament dwar din il-proposta.

67.3.12 Is-Sindku tkellem dwar **Ċir. AKL 94/2017 – Ċirkulari Multi mill-Awtorità tas-Saħħa u Sigurtà fuq il-post tax-xogħol** mibgħuta mis-Sur Mario Fava, President tal-Assoċjazzjoni tal-Kunsilli Lokali.

67.3.12.1 Huwa qal li jixtieq li jkun hu bħala l-persuna li tirrappreżenta l-Kunsill Lokali sabiex ikun responsabbli mir-*risk assessment* li jrid isir fil-binja tal-Kunsill Lokali u jattendi għas-sessjoni ta' taħriġ.

67.3.12.2 Il-Kunsilliera Daniela Farrugia ssekondat din il-proposta u l-Kunsill Lokali qabel unanimament.

67.3.13 Is-Sindku tkellem dwar ittra mibgħuta mis-Sur Anthony Zammit, Segretarju tas-Soċjetà Mużikali Santa Marija tal-Qrendi, fejn fiha qiegħed jingħad li qiegħed jidħol l-ilma tax-xita fil-*basement* tas-sede tal-istess Soċjetà.

67.3.13.1 Huwa qal li għalkemm ma' din l-ittra hemm ukoll mehmuż ir-rapport tal-Perit Paul Micallef, il-Kunsill Lokali xorta waħda għandu bżonn ir-

**Kunsill Lokali Qrendi**
7, Triq il-Knisja, Qrendi
Tel: 21680404
Fax: 21689986
e-mail: qrendi.lc@gov.mt

rakkomndazzjonijiet tal-istess Perit kif ukoll il-*working drawings* tal-istess rakkomandazzjonijiet.

67.3.14 Is-Sindku tkellem dwar il-korrispondenza bit-titlu **Triq Massabielle**, mibgħuta mis-Sa Gabriella Agius.

67.3.14.1 Huwa qal li kieku huwa ideali li kullimkien ikollna aktar dawl, imma dan ma jgħoddx biss għal Triq Massabielle, imma għal kull triq li għandna fil-Qrendi.

67.3.14.2 Żied li hu nniffsu ċċekkja kemm fi Triq Massabielle u anke fi Triq il-Pirinej, iż-żewġ toroq li fihom hemm parti mir-residenza tas-Sa Agius, u sab li fiż-żewġ toroq, il-lampi tad-dawl jinsabu biss madwar 15-il metru 'l bogħod mill-faċċata u waħda minnhom tinsab biss madwar 6 metri 'l bogħod mill-bieb prinċipali tar-residenza.

67.3.14.3 Qal li jekk se ssir bozza ġdida fuq it-talba tas-Sa Agius, allura din se tispiċċa tiġi madwar 6 metri biss 'il bogħod minn bozza eżistenti.

67.3.14.4 Spjega kif hu personali ma jaqbilx li ssir u mhemmx għalfejn jiżdied id-dawl fejn qiegħed jintalab li ssir bozza ġdida.

67.3.14.5 Il-Kunsillier Olympia Sant Mifsud staqsiet jekk huwiex possibbli li forsi waħda mil-lampi li qiegħda l-aktar viċin tar-residenza ta' Sa Agius, forsi tiġi mdawra ftit sabiex tagħti aktar dawl lejn il-parapett tagħha.

67.3.14.6 Is-Sindku ppropona li l-Kunsill Lokali ma jaċċettax li din it-talba tintlaqa', filwaqt li l-Viċi Sindku Charles Zerafa u l-Kunsillieri Daniel u Daniela Farrugia ppropονew li għandna nistaqsu lill-Korporazzjoni Enemalta jekk il-bozza tistax tiddawwar ftit lejn ir-residenza tas-Sa Agius.

67.3.15 Is-Sindku tkellem dwar ittra li ntbagħtet mill-Kunsill Lokali tal-Qrendi lil xi residenti ta' Triq Patri Nikol Magri ofm, rigward bozza fil-kantuniera fl-istess triq.

67.3.15.1 Qal li din l-ittra ntbagħtet nhar it-Tlieta 5 ta' Diċembru 2017, u r-

residenti kellhom ċans iwieġbu sal-Ġimgħa 15 ta' Diċembru 2017.

67.3.15.2 Spjega kif sal-Ġimgħa 15 ta' Diċembru ħadd mir-residenti ma kien wieġeb għal din l-ittra, fejn fiha kien spjegat li l-Kunsill Lokali lest li jagħmel bozza ġdida, imma li din trid jew titwaħħal mal-faċċata ta' xi residenza, jew inkella jsir arblu tad-dawl fuq il-bankina, li jkun t'ostaklu, u li dan irid jiġi prattikament mal-ġenb ta' xi residenza.

67.3.15.3 Żied li l-Kunsill Lokali agħmilha ċara li kien se jaċċetta biss dawk l-opinijonijiet u s-soluzzjonijiet fejn residenti jaċċettaw li dil-bozza titpoġġa jew mal-ħajt jew quddiem ir-residenza tagħhom, u mhux proposti biex titpoġġa ma' xi ħajt jew residenza ta' ħaddieħor.

67.3.15.4 Fl-aħħar nett qal li wara li ħadd ma wieġeb, il-Kunsill Lokali mhuwiex responsabbli li din il-bozza mhux se ssir, imma għax jidher li fil-verità r-residenti ma jriduhiex.

## 67.4 <u>TWEĠIBIET GĦALL-MISTOQSIJIET TAL-KUNSILLIERI</u>

67.4.1 Il-Kunsilliera Olympia Sant Mifsud tkellmet dwar il-*Clean Up Day* li se tkun organizzata s-sena d-dieħla, u qalet li se tieħu responsabilità tagħha hi.

67.4.1.2 Is-Sindku qal li hu jipproponi li nagħżlu biss żona waħda ta' tindif u dan minħabba li ma jmurx jiġri bħalma ġara din is-sena u ma nsibux nies biżżejjed sabiex jiġu jnaddfu.

67.4.1.3 Huwa ppropona li nsemmu biss Triq il-Panorama, għax hija triq li dejjem ikollha bżonn it-tindif u hija triq twila u li minnha jgħaddu ħafna karozzi.

67.4.1.4 Il-Kunsilliera Olympia Sant Mifsud issekondat din il-proposta u l-Kunsill Lokali qabel unanimament.

**Kunsill Lokali Qrendi**
7, Triq il-Knisja, Qrendi
Tel: 21680404
Fax: 21689986
e-mail: qrendi.lc@gov.mt

67.4.2 Il-Kunsilliera Olympia Sant Mifsud staqsiet dwar it-tikħil tal-kmajra fejn se tkun installata l-ATM, u qalet li dan ma sarx tajjeb u skont is-sengħa.

67.4.2.1 Is-Sindku wieġeb li issa din il-kmajra hija lesta minn kollox min-naħa tagħna u żgur li hemm punti aktar importanti x'nitkellmu dwarhom milli t-tikħil tal-ATM.

67.4.3 Il-Kunsilliera Olympia Sant Mifsud staqsiet jekk il-Monument tal-Gwerra jistax ikollu aktar dawl minħabba li jidher mudlam wisq.

67.4.3.1 Is-Sindku wieġeb li d-dawl ta' dan il-Monument jinstab installat fl-erba' boċċi li jdawru l-istess Monument, u mhijiex daqstant faċli li d-dawl jinbidel minn kif kien sar snin ilu.

## 67.5 **RAPPORTI**

67.5.1 Il-Viċi Sindku Charles Zerafa qal li sab persuna li lesta tkun parti mis-sottokumitat tal-Festival Agrarju tal-Patata 2018 u din hija s-Sa Marion Parnis.

67.5.2 Il-Viċi Sindku tkellem ukoll dwar il-ħarġa li jmiss għall-gżira Għawdxija, u qal li issa jridu jitqassmu l-posters għal din il-ħarġa li se ssir fis-27 ta' Diċembru 2017.

## 67.11 **KUNSIDERAZZJONI U APPROVAZZJONI TAL-ISKEDA TA' PAGAMENTI**

67.11.1 Is-Segretarju Eżekuttiv Chris Falzon ressaq għall-approvazzjoni tal-Kunsill diversi kontijiet pendenti li jammontaw għal €15,769.85 skont is-*Schedule of Payments* Ref No. 12/17 u €63.27 skont il-*Petty Cash* Ref

**Kunsill Lokali Qrendi**
7, Triq il-Knisja, Qrendi
Tel: 21680404
Fax: 21689986
e-mail: qrendi.lc@gov.mt

T/11.

67.11.2 Is-Sindku David Schembri qal li bħala *Chairman* tal-Kumitat tal-Finanzi jipproponi li dawn il-kontijiet pendenti jiġu approvati.

67.11.3 Il-Kunsillieri Daniela Farrugia u Olympia Sant Mifsud issekondaw din il-proposta.

67.11.4 Il-Kunsill Lokali qabel unanimament dwar din il-proposta.

## 67.12 <u>TMIEM TAL-LAQGĦA U DATA TAS-SEDUTA LI JMISS</u>

67.12.1 Il-laqgħa tal-Kunsill Lokali ntemmet fis-7:15pm u ġiet aġġornata għat-Tlieta 23 ta' Jannar 2018 fil-5:30pm.

____________________

**Chris Falzon**
**Segretarju Eżekuttiv**

____________________

**David Schembri**
**Sindku**